MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2012

Numru. 647/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Manwel Ciappara**

**Illum 21 ta' Gunju, 2012**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra **Manwel Ciappara** ta' 28 sena, bin Joseph u Lucy nee' Aquilina, imwieled il-Pieta nhar il-11 ta' Dicembru, 1984 u residenti Blk A, Flat 8, Triq G. Grech Delicata, B'kara u detentur tal-karta tal-identita' numru 26385M;

Talli nhar Marzu 2012 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) li giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga hew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbigu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghek u dan ghan-annu tal-Kumpanija ARRIVA Malta Ltd.

Il-Qorti rat l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront ta' l-akkuzat;

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-akkuzat;

Rat l-Artikoli tal-Ligi ossia artikoli 18, 293, 294, 310(a) u 533 tal-Kapitolu 0 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat;

Semgeht it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Il-Qorti invista ta’ l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, issib lill-istess imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal-piena karcerarja ta’ sentejn u nofs ossija tletin (30) xahar.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------